Ħarġa nru 4
Ottubru 2010

# l-aċċent

Id-Dipartiment tal-Ilsien Malti
tal-Kummissjoni Ewropea

## WERREJ

**Bir-reqqa: Il-lingwa miktuba u mitħaddta** **1**
- Il-Ġens Grammatikali tan-Nomi Missellfa mill-Ingliż 1
- Il-Patrimonju Lingwistiku: Il-Lessiku 5
- L-Użu tal-Ispazju Fiss 6
- Bil-Kelma t-Tajba 7

**Kelma b'kelma: It-terminoloġija** **8**
- L-Ismijiet tas-Sustanzi Kimiċi bil-Malti 8
- Bażijiet tad-Dejta Elettroniċi tal-Liġi tal-UE u dik Nazzjonali 12
- Għaliex Delitti u Mhux Reati? 14
- Il-Kumplessità tal-Kumpilazzjoni 15

**Mill-għatba 'l barra: Aspetti oħra** **16**
- Id-Dipartiment tat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni tal-Università ta' Malta 16
- Il-Malti minn Nuċċali Sqalli 17
- Intervista mad-Direttur Eżekuttiv tal-KNK 19

*Għandkom f'idejkom ir-raba' ħarġa tal-bulettin lingwistiku* l-aċċent. *Nittamaw li l-artikli li ħadna ħsieb ninkludu din id-darba ssibuhom interessanti.*

*Fost l-oħrajn, qed inwasslulkom artikli marbutin mal-Malti miktub u mitħaddet illum: wieħed dwar il-ġens li nattribwixxu lill-kliem li joriġina mill-Ingliż u ieħor li janalizza l-proporzjon ta' kliem ta' nisel Semitiku b'kuntrast ma' dak Rumanz. Issibu wkoll kitbiet li jittrattaw aspetti terminoloġiċi b'rabta aktar diretta ma' xogħolna.*

*Bħal dejjem napprezzaw il-fehma tagħkom, kemm dwar l-artikli individwali kif ukoll dwar it-triq li qed tieħu din il-pubblikazzjoni. Tkunu qed tgħinuna fl-intenzjoni tagħna li din il-pubblikazzjoni nkomplu nsaħħuha.*

Il-Bord Editorjali

## BIR-REQQA
*Il-lingwa miktuba u mitħaddta*

### Il-Ġens Grammatikali tan-Nomi Missellfa mill-Ingliż
George Farrugia

Meta żewġ lingwi jiġu f'kuntatt jistgħu jinfluwenzaw lil xulxin f'bosta oqsma f'livelli varji. Hekk, ngħidu aħna, l-iskema tal-ġens tan-nomi tal-Malti Semitiku matul is-snin ġiet f'kuntatt dirett u fit-tul ma' skemi morfoloġiċi oħra li ma jaqblux għalkollox magħha, b'mod speċjali dik tal-Ingliż. Ir-riżultat aħħari kien l-integrazzjoni ta' elementi differenti skont kriterji lingwistiċi u ekstralingwistiċi li mhumiex dejjem ċari biex tagħrafhom.

Din is-sitwazzjoni mhijiex ġdida għalkollox fin-natura tagħha fi lsienna għax meta l-Malti ġie f'kuntatt mar-Rumanz, kellu wkoll jgħaddi minn "problema" simili. Ġara, iżda, li bosta nomi missellfa mill-Isqalli u mit-Taljan, wara li ġew immodifikati fil-Malti żammew il-ġens grammatikali (maskil jew femminil) li diġà kellhom fil-lingwa oriġinali.

Madanakollu, fil-kuntatt mal-Ingliż, il-proċess tal-għoti tal-ġens kien differenti għalkollox minħabba li fl-Ingliż il-kategorija tal-ġens grammatikali prattikament ma teżistix għax in-nomi li jirreferu għal affarijiet inanimati huma grammatikalment newtri. L-Ingliż jitqies bħala lingwa li aktar milli ġens grammatikali, għandha ġens naturali jew kunċettwali fejn hemm relazzjoni pjuttost ċara bejn is-sess tar-referent u l-ġens tan-nom.

Min-naħa l-oħra, fil-Malti din il-kategorija hija waħda obbligatorja u mifruxa ħafna. Raġuni oħra hija li, minħabba li llum il-konoxxenza tal-Ingliż fost il-Maltin hija tajba ħafna, in-nomi missellfa x'aktarx li ma jkunux immodifikati morfoloġikament kif kienu jkunu fil-bidu ta' dan il-kuntatt. Illum in-nomi Ingliżi jidħlu fil-Malti

fil-forma li tixbah ħafna l-forma Ingliża, forma li xi drabi hija differenti ħafna mill-forom nattivi. Dan jista' jkompli jnaqqas il-qawwa tal-assoċjazzjoni formali marbuta ma' xi ġens jew ieħor.

***In-nomi inanimati***

Fil-każ tan-nomi li jirreferu għal affarijiet inanimati x'aktarx li t-tarf tan-nom Ingliż xorta waħda jibqa' indikatur importanti li jista' jiddetermina l-ġens li jingħatalhom.

Hekk, pereżempju, in-nomi li jispiċċaw bit-tarf *–a*[1], għalkemm mhumiex numerużi, huma assoċjati l-aktar mal-ġens femminili filwaqt li dawk li jispiċċaw bit-tarf *–u* jew b'tarf konsonantali huma assoċjati mal-ġens maskili. Għall-kuntrarju tan-nomi ta' nisel Taljan u Sqalli, bosta nomi ta' nisel Ingliż li jispiċċaw bit-tarf vokaliku *–i* huma x'aktarx maskili u hawn insibu qbil man-nomi ta' nisel Għarbi. Din li ġejja hija tabella (ara paġna 3) ibbażata fuq it-tarf tan-nomi missellfa mill-Ingliż (b'kollox 1,887) miġbura mid-dizzjunarju ta' Aquilina (1987-1990) u l-verżjoni konċiża tiegħu (2006).

Minkejja li mad-daqqa t'għajn in-nomi ta' nisel Ingliż jidhru li daħlu fil-mudell stabbilit diġà min-nomi ta' nisel Għarbi u dawk ta' nisel Taljan u Sqalli, jekk neżaminaw l-istatistika aktar bir-reqqa nintebħu li t-tendenzi l-ġodda li deħlin man-nomi Ingliżi qed jiddevjaw xi ftit jew wisq minn dawk stabbiliti. Din jista' jkun li hija tendenza li se tkompli tiżviluppa fil-futur jew inkella hija biss effimera, jiġifieri sakemm in-nomi ta' nisel Ingliż jindraw aktar u jitwaħħdu aktar mal-lessiku nattiv. Minn din it-tabella, pereżempju, nindunaw li n-nomi li jispiċċaw bit-tarf *–a* u li jieħdu l-ġens maskili relattivament żdiedu konsiderevolment fin-nomi ta' nisel Ingliż. Tant hu hekk li fin-nomi ta' nisel Għarbi dawn in-nomi jammontaw għal 0.81%, fin-nomi ta' nisel Taljan u Sqalli jammontaw għal 1.39% u fin-nomi missellfa mill-Ingliż jammontaw għal 3.09%[2]. Eżempju ieħor huwa dak tan-nomi li jispiċċaw b'konsonanti. Filwaqt li 97.78% tan-nomi ta' nisel Għarbi u 98.81% ta' nisel Taljan u Sqalli li jispiċċaw bil-konsonanti huma maskili, fil-każ tan-nomi ta' nisel Ingliż li jispiċċaw bil-konsonanti u li huma maskili, il-persentaġġ huwa ta' 88.48%.

Min-naħa l-oħra, filwaqt li 1.19% tan-nomi ta' nisel Għarbi u 0.61% biss tan-nomi ta' nisel Taljan u Sqalli li jispiċċaw bil-konsonanti huma femminili, fil-każ tan-nomi ta' nisel Ingliż dan il-persentaġġ jitla' għal 8.72%. Wieħed għad irid jara jekk din it-tendenza hix se tkompli tiżdied aktar ma l-Malti jissellef nomi mill-Ingliż bil-konsegwenza li r-relazzjoni bejn it-tarf konsonantali u l-ġens maskili tibda tiddgħajjef bil-mod il-mod.

Dawn ir-riżultati jikkonfermaw ukoll dak li sab l-awtur ta' dan l-artiklu fl-2003 (*Il-Ġens Grammatikali li Jieħdu fil-Malti n-Nomi ta' Nisel Ingliż)* li fil-każ tan-nomi missellfa mill-Ingliż, minbarra tarf in-nom, hemm fatturi oħrajn li jiddeterminaw l-għażla tal-ġens, ngħidu aħna (i) **il-ġens tal-iperonimu nattiv** (pereżempju, in-nomi *kiwi*, *grapefruit* u *pineapple* jitqiesu femminili għax jiġu assoċjati ma' *frotta*); in-nomi *jeans*, *slacks*, *shorts* u *pants* jitqiesu bħala nomi maskili, possibilment minħabba l-iperonimu nattiv *qalziet* li huwa nom maskili u (ii) **il-ġens analoġiku tal-eqreb ekwivalenti semantiku**, jiġifieri meta n-nom missellef jingħatalu l-istess ġens tan-nom nattiv li jkun daħal minfloku jew li jkun assoċjat miegħu (pereżempju, in-nomi *postcard*, *bicycle* u *bedspread* jingħataw il-ġens femminili minħabba li *kartolina*, *rota* u *kutra/gverta* rispettivament huma femminili, filwaqt li n-nomi *diary*, *handbag* u *job* jitqiesu bħala maskili minħabba l-assoċjazzjoni tagħhom man-nomi *ktieb*, *basket* u *xogħol* rispettivament.

---

[1] Filwaqt li l-awtur ta' dan ix-xogħol huwa konxju mill-fatt li hawn qegħdin nittrattaw tarf il-kelma bħala ħoss, madankollu, għall-konvenjenza, qed tintuża l-ortografija.

[2] Dawn il-persentaġġi huma bbażati fuq kampjun ta' 22,867 nom miġbura mid-dizzjunarju t'Aquilina, Malti-Ingliż (f'żewġ volumi, 1987 u 1990), u mill-verżjoni konċiża tiegħu ppubblikata fl-2006.

L-għoti tal-ġens lil nomi bi truf differenti ta' nisel Ingliż:

| Tarf in-nom | Ġens mogħti | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Maskil | Femminil | Komuni | Numru ta' kliem |
| **a** | (3.09%) | (84.56%) | (12.35%) | 162 |
| **e** | (33.33%) | (66.67%) | (0.00%) | 6 |
| **è** | (100%) | (0.00%) | (0.00%) | 4 |
| **i** | (68.97%) | (28.74%) | (2.29%) | 87 |
| **ì** | (85.71%) | (14.29%) | (0.00%) | 7 |
| **o** | (85.71%) | (14.29%) | (0.00%) | 7 |
| **ò** | (66.67%) | (33.33%) | (0.00%) | 3 |
| **u** | (98.55%) | (1.45%) | (0.00%) | 69 |
| **ù** | (100%) | (0.00%) | (0.00%) | 5 |
| **konsonanti** | (88.48%) | (8.72%) | (2.80%) | 1,537 |

Il-ġens analoġiku fil-każ tan-nomi missellfa mill-Ingliż huwa fattur b'saħħtu ħafna u bosta drabi l-fatturi influwenti l-oħra fil-proċess tal-għoti tal-ġens japplikaw l-aktar meta dan il-fattur ma jkunx preżenti.

***In-nomi li jirreferu għal persuni***

In-nomi missellfa mill-Ingliż li jirreferu għal rwoli umani (pereżempju, ismijiet ta' xogħlijiet u professjonijiet) li mhumiex neċessarjament assoċjati ma' xi sess partikolari, x'aktarx li jingħatalhom ġens li jirrifletti t-tendenza ewlenija tar-realtà kulturali. Pereżempju n-nomi *player*, *driver* u *pilot* x'aktarx jingħataw il-ġens maskili minkejja li llum insibu nisa li jagħmlu dan ix-xogħol, filwaqt li n-nom *nurse* x'aktarx jitqies bħala nom femminili minkejja li llum hawn ukoll infermieri rġiel. Irwoli oħra meqjusa bħala aktar "newtrali", bħal *caretaker* u *teacher*, għandhom it-tendenza li jingħataw il-ġens li jikkorrispondi mas-sess tal-kelliem fis-sens li, l-irġiel iqisuhom aktar min-nisa bħala maskili, filwaqt li n-nisa jqisuhom aktar mill-irġiel bħala femminili.

B'mod ġenerali, dawn in-nomi, minkejja li suppost għandhom ġens komuni, jew kif isejħilhom Fabri fil-ktiba tiegħu *To agree or not to agree: suspension of formal agreement in Maltese* (2009) huma "underspecified", meta jintużaw weħidhom jew mingħajr referenza għal

xi ħadd partikolari (i.e. meta jintużaw bħala forma "default"), x'aktarx jitqiesu bħala maskili sakemm in-nom ma jkunx jirreferi speċifikament għal mara, pereżempju, *air hostess*.



Disinn ta' Stephanie Bugeja

F'kuntest sentenzjali dawn in-nomi li jirreferu għal persuni ta' spiss ikunu influwenzati minn elementi oħra tas-sentenza, l-aktar mis-suġġett tas-sentenza. F'dan il-każ jista' jinħoloq kunflitt bejn il-ġens tan-nom u s-sess tar-referent tal-istess nom meta dawn ma jkunux kompatibbli.

Hekk, ngħidu aħna, nomi bħal *postman* u *manager*, li morfoloġikament fl-Ingliż huma ta' ġens maskili, ħafna drabi fil-Malti jitqiesu bħala nomi femminili meta s-suġġett tas-sentenza marbut magħhom ikun jirreferi għal persuna ta' sess femminili, pereżempju, "Marija hija *manager/postman* bieżla". Dawn is-sentenzi u oħrajn simili ta' spiss nisimgħuhom fil-Malti minkejja li fl-Ingliż teżisti wkoll il-forma femminili tan-nom, i.e. *manageress* u *postwoman*.

***Punti oħra osservati***

Fl-istudju ppubblikat fl-2003 l-awtur ta' dan l-artiklu sab li hemm xi forma ta' rabta bejn l-għoti tal-ġens u l-livell edukattiv tal-informanti, fis-sens li informanti ta' livell għoli ta' edukazzjoni, bħala grupp, x'aktarx jagħtu aktar xi ġens partikolari lin-nomi milli jagħmlu informanti meqjusa bħala ta' abbiltà edukattiva inferjuri, li x'aktarx jifirxu aktar id-distribuzzjoni fl-għoti tal-ġens.

Id-differenza li nstabet ħafna drabi kienet minima iżda pjuttost kostanti. L-istess tendenza nstabet fil-każ ta' persuni li għandhom kuntatt qawwi mal-Ingliż. Dawn x'aktarx li, bħala grupp, ivarjaw aktar l-għoti tal-ġens lin-nomi missellfa (li jirreferu għal affarijiet inanimati) milli jagħmlu dawk il-persuni li jitkellmu u jaqraw l-aktar bil-Malti. Jidher ukoll li b'mod ġenerali, in-nisa jassoċjaw aktar mill-irġiel xi ġens partikolari man-nom Ingliż. Min-naħa l-oħra, l-irġiel għandhom tendenza li, bħala grupp, ivarjaw aktar l-għoti tal-ġens lin-nom, jiġifieri d-distribuzzjoni tal-għoti tal-ġens tagħhom tkun aktar mifruxa fuq il-ġens maskili u femminili.

Id-dizzjunarji Maltin mhumiex għodda daqstant ta' min jorbot fuqha fil-każ tal-għoti tal-ġens tal-kliem missellef mill-Ingliż, fis-sens li mhux dejjem jirriflettu r-realtà lingwistika f'dan il-qasam. Fil-fatt, ta' spiss, il-ġens li jagħtu d-dizzjunarji mhuwiex kompatibbli mal-ġens li jagħtu l-kelliema nattivi lill-istess nomi. Dan in-nuqqas ta' qbil jidher ukoll bejn dizzjunarju u ieħor.

F'bosta każi oħra d-dizzjunarji jagħtu biss ġens wieħed lin-nom missellef meta fir-realtà ż-żewġ tipi ta' ġens ikunu assoċjati b'mod qawwi ma' dan in-nom. Hekk, filwaqt li Aquilina (1990) jgħid li *shower*, *taxi* u *toaster* huma maskili, kien innutat li dawn in-nomi ta' spiss jitqiesu wkoll bħala femminili mill-kelliema tal-Malti. Jidher li d-dizzjunarji huma pjuttost preskrittivi f'dan il-qasam.

Il-ġens dominanti fl-għoti tal-ġens lin-nomi missellfa mill-Ingliż huwa l-maskili. Il-medja globali favur dan il-ġens fl-istudju li l-awtur ta' dan l-artiklu għamel fl-2003 kienet ta' ftit aktar minn 70%, ċifra li titla' għal 80% fi studju ieħor tiegħu tal-2010 u li għad irid jiġi ppubblikat, *Il-Ġens Grammatikali fil-Malti*.

Instab li aktar ma nom missellef jintuża mill-komunità lingwistika Maltija, aktar huwa probabbli li jistabbilixxi ġens stabbli minn nomi oħra li jkunu għadhom ġodda jew anqas stabbiliti.

Min-naħa l-oħra, iżda, ma nistgħux ngħidu li nomi oħrajn li ma għandhomx frekwenza daqstant għolja ma jistax ikollhom huma wkoll ġens stabbli. Fil-fatt, jekk dan il-kliem ikun faċli biex il-kelliem nattiv jassoċja miegħu xi forma ta' analoġija (eż. xi xebh ma' xi kelma oħra nattiva), x'aktarx li jieħu huwa wkoll ġens pjuttost stabbli.

Nikkonkludi li l-għoti tal-ġens, anke fil-każ tal-kliem missellef mill-Ingliż, żgur li ma jsirx b'mod arbitrarju jew irrazzjonali. Il-kelliema nattivi ta' lingwa, inklużi l-kelliema tal-Malti, jużaw kriterji varji fil-proċess tal-għoti tal-ġens, kriterji li xi wħud minnhom huma b'saħħithom aktar minn oħrajn, kriterji li ta' spiss jikkombinaw flimkien u jinfluwenzaw bħala grupp l-għażla ta' ġens partikolari.

*Dr Farrugia jgħallem fid-Dipartiment tal-Malti tal-Kulleġġ tal-Università ta' Malta. Ftit xhur ilu spiċċa t-teżi tiegħu tad-Dottorat li fiha tratta l-ġens grammatikali fil-Malti.*

~●~

**Il-Patrimonju Lingwistiku: Il-Lessiku**
Joseph M. Brincat

F'konferenza li saret Londra fl-1955, Ġużè Aquilina kien osserva li "The Semitic word-lore is largely outnumbered by the loanwords". Fl-introduzzjoni għad-dizzjunarju tiegħu kien tenna li l-lessemi ta' oriġini Rumanza huma ħafna aktar minn dawk ta' oriġini Semitika (MED 1987: xv). Din l-affermazzjoni lili kienet qajmitli kurżità għax il-Malti li konna nitgħallmu l-iskola kien kollu letterarju, u t-tendenza tal-letterati kienet ilha waħda strettament puristika. It-tendenza tal-kittieba ta' bejn is-seklu 19 u nofs is-seklu 20 kienet li jibnu letteratura bħala parti mill-proċess tal-istandardizzazzjoni tal-Malti, u dawn kienu adottaw dak il-kriterju għax minħabba li kollha kienu jiktbu bit-Taljan, ħassew li kien ikun faċli wisq tikteb il-kliem Taljan li kien jintuża fid-diskors ta' kuljum. Il-letteratura kienet mifhuma bħala settur speċjali, li biex jagħti prestiġju lil-lingwa kellu jitbiegħed mir-reġistru mitkellem. Sas-snin sittin l-iskola kienet timxi fuq mudelli letterarji, qishom riedu jagħmluna lkoll poeti żgħar, u ħadd ma kien isemmi l-approċċ funzjonali.

Meta l-Professur Dun Karm Sant kien imexxi d-dipartiment tal-Malti, kien talabni nagħti kors ta' tip storiku u deherli li kelli ndaħħal l-idea ta' proġett etimoloġiku. Kont fdajt numru ta' paġni lil kull student u dawn imlew ir-riżultati fuq mudell komuni. B'hekk kelli l-ewwel idea fuq il-kompożizzjoni tal-lessiku Malti. Ippubblikajthom f'volum iddedikat lil R. Kontzi fl-1996, imma ndunajt li kienu ħarbulna 4,451 kelma. Irrepetejt il-proġett mal-istudenti tal-Honours tat-Taljan li kienu jsegwu l-kors dwar it-Taljan u l-Malti, applikajt kriterji b'aktar reqqa, u f'għaxar snin ksibt kwadru aktar preċiż. Fl-2005, imbagħad, il-Midsea Books ħarġu verżjoni mqassra tad-dizzjunarji t'Aquilina u peress li dan kien jelimina l-kliem użat ftit, u għalhekk kien iżjed funzjonali milli komprensiv, ridt nanalizzah ukoll. Ir-riżultati qegħdin f'din it-tabella.

| | Malt-Eng Dictionary | Aquilina Concise | Mifsud Borg | Fenech |
|---|---|---|---|---|
| Total | 41,016 | 22,649 | 1,585 | corpus |
| | | | | |
| Semitiku | 32.41% | 22.43% | 47.19% | 72.9% |
| Rumanz | 52.46% | 61.6% | 40.45% | 22.3% |
| Ingliż | 6.12% | 8.45% | 12.36% | 4.7% |

Meta tqabbel l-għadd tal-etimi kif jidhru fil-MED u fil-*Concise*, jidher ċar kif fl-użu s-Semitiku jinżel u r-Rumanz jogħla. Jekk inqabblu dawn iċ-ċifri ma' *Fuq l-Għatba tal-Malti* ta' Manwel Mifsud u Albert Borg (1991) naraw kif ir-Rumanz ippenetra sew anki fil-qalba tal-lingwa, jiġifieri f'dawk l-1,585 kelma li jitqiesu fondamentali u li ġeneralment huma reżistenti għat-tibdil peress li jintużaw spiss. Hawn naraw ukoll l-effett tal-*code-switching* peress li l-lessemi Ingliżi jitilgħu għad-doppju tal-MED. Ta' min ukoll iqis ir-riżultati ta' Edward Fenech (*Contemporary Journalistic Maltese*, 1978) fejn is-Semitiku jitla' għal 72.9%, ir-Rumanz jinżel għal 22.34% u l-Ingliż jinżel għal 4.74%. Dan għax Fenech, barra l-gazzetti, analizza wkoll rumanz ta' Ġużè Galea u ieħor ta' Frans Sammut, kif ukoll antoloġija ta' Dun Karm, u dawn jikxfu l-effett tar-reġistru miktub tat-tip letterarju, li minn dejjem kien puristiku (Semitiku 93.9%, Rumanz 5.7%, Ingliż 0.3%). Min-naħa l-oħra hu żied ix-xhieda tal-mitkellem, ibbażat fuq intervisti li madwar l-1960 Aquilina kien għamel f'Għawdex lil tliet informaturi li jitkellmu bid-djalett (Semitiku 86.2%, Rumanz 9.1%, Ingliż 4.6%). Apparti li issa għaddew ħamsin sena, dawn jixhdu l-mitkellem raħli, u għalhekk juru reġistru differenti minn dak ta' Mifsud u Borg, li hu reċenti, urban u standard.

*Il-Prof. Brincat hu Professur fid-Dipartiment tat-Taljan fl-Università ta' Malta. Fl-1998-2000 kien viċi president tas-Società di Linguistica Italiana u fl-2009 ġie elett membru tal-Accademia della Crusca. Għamel riċerki fuq l-element Rumanz fil-Malti u kiteb l-istorja lingwistika ta' Malta bil-Malti (PIN 2000 u 2005), bit-Taljan (Le Mani, Genova 2004) u bl-Ingliż (toħroġ ftit xhur oħra).*

~●~

**L-Użu tal-Ispazju Fiss**

Ivan Said, mill-Kummissjoni Ewropea

Fejn għandna ndaħħlu l-ispazju fiss? Hawnhekk se nagħti xi eżempji ta' kif għandna nużaw l-ispazju fiss (*fixed space: shift, control, space bar* f'daqqa jew Alt 0160) skont *Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali*.

L-ispazju fiss għandu jiddaħħal dejjem bejn ċifri u simboli xjentifiċi jew ta' kejl:

> 4°ha, 9°m, 20°psi, 55°dB(A), 2°000°kc/s, 99°%, +°88, -°49, ±°75, 34°°C, 67°°F, 38°km.

(L-ispazju fiss huwa rappreżentat permezz tal-°, li hawn qed jidher għal skopijiet istruttivi, iżda fir-realtà dan huwa *non-printing character* li fl-aħħar mill-aħħar ma jidhirx stampat, eż. 67 °F.)

Jiddaħħal l-ispazju fiss ukoll bejn gruppi ta' tliet ċifri f'numri ta' elf jew aktar, meta qed naħdmu f'testi legali tal-UE. Hekk inkunu qed nużaw is-sistema kontinentali tan-numri u mhux tagħna l-Maltin, tal-Ingliżi u tal-Irlandiżi:

> 1°000°000°000
> EUR°680°000

Innota l-aħħar eżempju fejn hemm spazju fiss bejn l-EUR u ċ-ċifra. Din l-użanza sserrħilna rasna li tul il-proċess kollu tipografiku sal-pubblikazzjoni fuq il-karta jew dik elettronika, in-numru jibqa' magħqud u sħiħ. Ma jinqasam qatt meta jasal f'tarf ta' kolonna jew paġna, u għaldaqstant ma tinħoloqx konfużjoni fiċ-ċifri.

Meta nkunu qed niktbu jew nittraduċu testi mhux legali, li mhux se jidhru f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, m'għandniex indaħħlu spazju fin-numri eluf jew akbar peress li l-lingwa Maltija, kuntrarjament għal dawk kontinentali Ewropej, titlob li ndaħħlu virgola u mhux spazju:

> 1,000,000,000
> EUR°680,000

Kif jidher fl-eżempji li ġejjin, l-ispazju fiss għandu jidħol ukoll f'dawn il-każijiet:

> Nru°1425/2006;
> ĠU L°270, 29.9.2006, p.°4;
> is-Sur C.°A. Attard;

> is-Sibt, 17°ta'°Ġunju°2010;
> l-Artikolu°5

In-numru sopraskritt ta' referenza fit-test ewlieni għandu jingħaqad mal-aħħar ittra tas-sentenza permezz ta' spazju fiss, eż.

> "Il-miżuri li hemm fis-seħħ bħalissa […] huma l-miżuri ta' antidumping imposti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru°1425/2006°([1]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru°189/2009°([2])."

Tajjeb li ngħidu li hawn dħalna fl-għalqa tal-istampatur u għaldaqstant mhux dmir it-traduttur jew l-awtur li jdaħħal l-ispazju fiss bejn it-test u n-numru ta' referenza. (Ara nota ta' taħt it-tabella fil-punt 6.4. ta' *Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali.)*

*Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali* tesiġi li l-użu tal-ispazju fiss ikun limitat ħafna. Użu żejjed ta' tali spazju jista' joħloq diffikultajiet lill-istampatur billi joħloqlu spazji bojod kbar koroh meta t-test jiġi ppaġnat, speċjalment meta l-paġna tkun żgħira ħafna, eż. A5 jew iżgħar, jew maqsuma f'kolonni, kif inhu l-każ tal-paġna tal-Ġurnal Uffiċjali. Għaldaqstant, m'għandux jiddaħħal spazju fiss fil-każijiet li ġejjin jew simili:

> "Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru …"
> "(a), (b) jew (c) ... "
> "Il-President u l-Viċi President …"

Dan l-artiklu huwa bbażat fuq *Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali* (http://publications.europa.eu/code/mt/mt-000100.htm), b'mod partikolari fuq il-punti:

- 4.2.3. Tħejjija tat-test
- 6.4. Sinjali tal-punteġġatura u l-ispazji fil-programmi tal-Word
- 6.5. Il-punteġġatura fiċ-ċifri
- 10.4. In-numri, id-dati u l-ħin
- 10.5. L-unitajiet ta' kejl.

Dawn il-punti u oħrajn se jkunu diskussi f'workshop ta' tliet sigħat dwar l-EVA, ir-REX u r-REI (evalwazzjoni ta' test estern, reviżjoni ta' test estern u reviżjoni ta' test intern) dax-xahar.

~●~

**Bil-Kelma t-Tajba**
Manwel Mifsud

Servizz tal-Kunsill
Nazzjonali tal-Ilsien Malti

MISTOQSIJA:
Liema hi t-tajba**:** ***terġax timlih*** jew ***terġax timlieh*** ?

TWEĠIBA:
It-tajba hija: ***terġax timlieh***

SPJEGA:

- F'każi bħal dawn għandna għaqda (jew binja sintattika) bejn:
  **Verb + Pronom Mehmuż**. Issa l-verb ***mela*** huwa verb nieqes (i.e. l-aħħar konsonanti tal-Għerq tiegħu hija dgħajfa: **1-2-J**) u l-verbi neqsin fl-Imperfett jispiċċaw uħud bil-vokali –***a*** u wħud b'-***i***.
- Jekk għal mument tifred il-Pronom minn mal-Verb, mill-ewwel tinduna jekk il-verb jispiċċax bil-vokali –***a*** jew b'-***i***, u minn hemm tkun taf kif għandek tikteb.

| |
|---|
| Jekk il-verb (mifrud mill-pronom) jispiċċa bil-vokali –***a***, din issir –***ie***-.<br>Jekk il-verb (mifrud mill-pronom) jispiċċa bil-vokali –***i***, din tibqa' –***i***-. |

Eż. Jekk ma nafx għandix nikteb –***i***- jew –***ie***- fil-kelma ***tistaqs-??-h***,
(1) nifred il-verb mill-pronom mehmuż (= ***tistaqsi*** + ***lilu***)
(2) ninnota biex jispiċċa l-verb (= -***i***)
(3) la (skont ir-regola ta' hawn fuq) –***i*** tibqa' –***i***-, nikteb ***tistaqsih***

- Issa l-mistoqsija tagħna hi: ***timlih*** jew ***timlieh***?

  (1) nifred il-verb mill-pronom mehmuż (= ***timla*** + ***lilu***)
  (2) ninnota biex jispiċċa l-verb (= ***-a***)
  (3) la (skont ir-regola) ***–a*** ssir ***–ie-***, nikteb ***timlieh***

Ftit eżempji oħra:
***iksihom*** (għax ***iksi lilhom***)
***insieha*** (għax ***insa lilha***)
***ilbierah inippretendieh*** (għax ***ippretenda lilu***)
***illum nippretendih*** (għax ***nippretendi lilu***)

*Ħajr lill-Prof. Manwel Mifsud, il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, li jagħtina permess nippubblikaw dawn is-siltiet.*

## KELMA B'KELMA

***It-terminoloġija***

**L-Ismijiet tas-Sustanzi Kimiċi bil-Malti**
Anthony Privitelli, mill-Kunsill tal-UE

Dan l-aħħar kien hemm diversi komunikazzjonijiet bejn it-terminoloġisti tal-Kummissjoni u tal-Kunsill dwar x'sistema qed nużaw fejn jidħlu l-ismijiet bil-Malti għas-sustanzi kimiċi. Fil-fatt ħareġ li l-pożizzjonijiet taż-żewġ istituzzjonijiet huma qrib ħafna ta' xulxin. It-tama hi li fix-xhur li ġejjin jintlaħaq qbil dwar linji gwida komuni interistituzzjonali, bl-involviment ukoll ta' terminoloġisti 'assenjati' għas-suġġett mill-istituzzjonijiet l-oħrajn, sabiex dawn isiru l-għodda stabbilita uffiċjali f'dan il-qasam. Is-sistema li nużaw fil-Kunsill hija kif imfisser hawn taħt.

Għalkemm jidhru kkomplikati, jekk wieħed jimxi b'mod loġiku l-ismijiet tas-sustanzi kimiċi mhumiex diffiċli. Fil-parti l-kbira nett, dawn jikkonsistu f'għadd ta' partijiet żgħar mgħaqqdin flimkien. Dan iseħħ fuq livell molekulari kif ukoll fuq livell lingwistiku, li fil-fatt jirrifletti dak li jseħħ fil-livell molekulari. Kulma għandna bżonn nagħmlu hu li nistandardizzaw l-ismijiet tal-komponenti ż-żgħar li jiffurmawhom.

It-terminoloġija xjentifika formali bil-Malti hi bbażata fuq it-Taljan. Dan huwa fatt stabbilit, u joħroġ ċar minn bosta eżempji: diossidu tal-karbonju, klorur tas-sodju, idroġenu, spettru, temperatura, densità, pressjoni, ... Huwa veru li fit-taħdit informali nirrikorru għall-Ingliż, għar-raġuni li t-tagħlim xjentifiku aħna l-Maltin ħadnieh kollu kemm hu bl-Ingliż.

Allura jekk żewġ tradutturi waqt li qed jieħdu kafè jiddiskutu t-tisħin globali b'mod informali dawn se jirreferu għall-"karbon dajoksajd" li qed joħloq "glowbal worming". Imma 5 minuti wara l-istess żewġ tradutturi se jidħlu l-uffiċċju u jiktbu "diossidu tal-karbonju" u "tisħin globali", għax hekk jitlob ir-reġistru formali ta' dokument uffiċjali.

Dan il-fatt jgħin ħafna meta niġu biex nittraduċu l-ismijiet tas-sustanzi kimiċi. Infatti, f'parti sostanzjali tal-każijiet ikun biżżejjed li wieħed jikkopja l-isem bit-Taljan u jagħtih ortografija Maltija. Xi eżempji fl-ordni EN-IT-MT:

| EN | IT | MT |
|---|---|---|
| | | |
| sodium chloride | cloruro di sodio | klorur tas-sodju |
| copper sulphate | solfato rameico; solfato di rame | sulfat tar-ram |
| ammonium hydroxide | idrossido di ammonio | idrossidu tal-ammonju |
| acetic acid | acido acetico | aċidu aċetiku |
| calcium carbide | carburo di calcio | karbur tal-kalċju |
| methane | metano | metan |

Li rridu nagħmlu, allura, hu li nistandardizzaw:

- l-ismijiet ta' joni u gruppi ta' atomi (radikali) li jinstabu ta' spiss jiffurmaw parti mill-molekuli tas-sustanzi

- il-prefissi u s-suffissi li għandhom sinifikat li jiddetermina l-kompożizzjoni molekulari tas-sustanzi
- l-ismijiet tal-elementi (ara l-Anness)

***Joni u gruppi ta' atomi (radikali) komuni***

| EN | MT | Paragun mat-Taljan |
|---|---|---|
| | | |
| ammonium | ammonju | ammonio |
| bicarbonate | bikarbonat | bicarbonato |
| bisulphate | bisulfat | bisolfato |
| bromate | bromat | bromato |
| bromide | bromur | bromuro |
| carbide | karbur | carburo |
| carbonate | karbonat | carbonato |
| carboxylic | karbossiliku | carbossilico |
| chloride | klorur | cloruro |
| chlorite | klorit | clorito |
| chromate | kromat | cromato |
| cyanide | ċjanur | cianuro |
| ferric | ferriku | ferrico |
| ferrous | ferruż | ferroso |
| fluoride | fluworur | fluoruro |
| halide | aloġenur | alogenuro |
| hydroxide | idrossidu | idrossido |
| iodate | jodat | iodato |
| iodide | jodur | ioduro |
| nitrate | nitrat | nitrato |
| nitride | nitrur | nitruro |
| nitrite | nitrit | nitrito |
| oxide | ossidu | ossido |
| peroxide | perossidu | perossido |
| silicide | siliċur | siliciuro |
| sulphate | sulfat | solfato |
| sulphide | sulfur | solfuro |
| sulphite | sulfit | solfito |

Wieħed jinnota fit-tabella preċedenti kemm il-verżjonijiet bil-Malti huma qrib tat-Taljan. Kulma wieħed ikollu jagħmel, anki għal dawk il-joni li mhumiex f'din il-lista, hu li jaqleb l-ortografija tal-verżjoni bit-Taljan għall-Malti.

***Prefissi, suffissi, jew ismijiet li jirrikorru ta' spiss***

Għalkemm qed jissejħu prefissi u suffissi, fil-kimika — speċjalment dik organika — dawn faċilment jinstabu fin-nofs ta' ismijiet ferm ikkumplikati ta' sustanzi kimiċi.

Kif intqal qabel, dawn, mgħaqqdin f'ordni speċifika, jiddeterminaw il-kompożizzjoni molekulari tas-sustanza.

| EN | MT | Rimarki |
|---|---|---|
| | | |
| acid | aċidu | dejjem segwit b'aġġettiv li jispiċċa "-iku" li jiddetermina t-tip tal-aċidu, eż. aċidu sulfuriku |
| acetylene | aċitilena | eċċezzjoni għar-regola tas-suffiss -ene. Dan l-isem daħal hekk fil-Malti, speċjalment fil-qasam tax-xogħol fuq il-metall |
| aldehyde | aldeid | |
| -amide | -ammid | m doppja billi ġej mill-ammonju |
| -amine | -ammina | m doppja billi ġej mill-ammonju |
| -amino- | -ammino- | |
| amino acid | aċidu amminiku | |
| -ane | -an | |
| -ase | -asi | |
| -ate | -at | |
| -azole- | -ażol- | |
| benz- | benż- | |
| benzene | benżin | |
| bi- | bi- | |
| bis- | bis- | |
| but- | but- | |
| cyclo- | ċiklo- | |
| di- | di- | |
| -ene | -en | |
| eth- | et- | |
| ether | -etere | din normalment ngħaqqduha fl-aħħar, eż. diethyl ether - dietiletere |
| hepta- | etta- | |
| hexa- | eża- | |
| hyd- | id- | |
| -hydrate | -idrat | |
| hydrocarbon | idrokarbur | |
| hydroxy- | idrossi- | |
| -ine | -ina | |
| iso- | iso- | dan hu prefiss użat dejjem l-istess fuq skala internazzjonali, li jfisser "l-istess", u huwa ppreferut li jibqa' jintuża b'dan il-mod fil-Malti wkoll |
| lact- | latt- | |
| meth- | met- | |
| octa- | otta- | |
| -oic | -oiku | |
| -ol | -ol | |
| -one | -on | eż. keton (eċċezzjoni li daħlet sew fil-Malti - aċetun) |
| -ox- | -oss- | derivat minn "ossiġenu" |
| -oyl | -ojl | |
| pent- | pent- | |
| poly- | poli- | |
| polymer | polimeru | |
| prop- | prop- | |
| thio- | tijo- | |
| -thiol | -tijol | |
| tri- | tri- | |
| -yl | -il | |
| -yne | -in | |

### *Eżempji fil-prattika*

| EN | IT | MT |
|---|---|---|
| 2-(2*H*-Benzotriazol-2-yl)-4,6-bis(1-methyl-1-phenylethyl)phenol | 2-(2*H*-Benzotriazol-2-il)-4,6-bis(1-metil-1-feniletil)fenolo | 2-(2*H*-Benżotriażol-2-il)-4,6-bis(1-metil-1-feniletil)fenol |

Isem tal-biża' b'soluzzjoni sempliċi għall-aħħar. Il-partijiet komponenti huma: Benżo - tri -ażol (tri + ażol, allura ma tidħolx j) -il (suffiss) - bis (tibqa' l-istess) - metil - fenil - etil - fenol

| EN | IT | MT |
|---|---|---|
| 6,7-Dihydro-5*H*-cyclopenta[*b*]pyridine | 6,7-Diidro-5*H*-ciclopenta[*b*]piridina | 6,7-Diidro-5*H*-ċiklopenta[*b*]piridina |

di-idro-5*H*-ċiklo-penta-[*b*]-pirid-ina, prattikament copy/paste mit-Taljan b'żewġ irtokki ortografiċi

| EN | IT | MT |
|---|---|---|
| Methyl 3-aminothiophene-2-carboxylate | 3-amminotiofen-2-carbossilato di metile | 3-amminotijofen-2-karbossilat tal-metil |

Hawnhekk nosservaw inverżjoni tipika tas-sekwenza tal-kliem mill-Ingliż (l-eżempju klassiku: carbon dioxide - diossido di carbonio - diossidu tal-karbonju). Din hija raġuni importanti oħra għaliex fid-dubju wieħed jaqbillu jikkonsulta l-verżjoni bit-Taljan (jew anki bil-Franċiż).

### *Nota dwar l-użu tal-ittra j wara l-vokali i*

Jista' jinqala' dubju dwar jekk għandhiex tiddaħħal l-ittra j bejn il-vokali i u vokali oħra li tiġi warajha. Din il-problema tista' tissolva billi jiġi stabbilit jekk iż-żewġ vokali jiffurmawx parti mill-istess entità jew le.

Allura: **thio-** issir **tijo-** ; (eżempju f'kuntest differenti) **bio-** issir **bijo-**
Imma: **dioxide** - **diossidu**; **triazol** – **triażol**

Fid-dubju, kemm fuq din il-biċċa xogħol u anki b'mod ġenerali għas-sustanzi kimiċi l-oħrajn kollha, wieħed ikollu jagħmel xi ftit tar-riċerka biex jivverifika, nagħmlu mod, li "thio" hija entità kimika waħda. Daż-żmien l-internet fih minjiera vasta ta' informazzjoni, li b'tiftixa sempliċi jagħtik it-tagħrif kollu li jkollok bżonn, b'dijagrammi tal-kompożizzjoni tal-atomi b'kollox, kif ukoll (eż. fil-Wikipedia) l-ismijiet tal-istess sustanzi b'lingwi differenti inklużi dawk li jinteressawna l-aktar: it-Taljan u l-Franċiż.

### *ANNESS - L-elementi*

| EN | MT | Rimarki | EN | MT | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| actinium | attinju | | neodymium | neodimju | |
| aluminium | aluminju | | neon | neon | |
| americium | ameriċju | | neptunium | nettunju | |
| antimony | antimonju | | nickel | nikil | |
| argon | argon | | niobium | nijobju | |
| arsenic | arseniku | | nitrogen | nitroġenu | |
| astatine | astatin | | nobelium | nobelju | |
| barium | barju | | osmium | osmju | |
| berkelium | berkelju | | oxygen | ossiġenu | isegwi l-mudell ta' idroġenu u nitroġenu |
| beryllium | berillju | | palladium | palladju | |
| bismuth | bismut | | phosphorus | fosforu | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| bohrium | bohrju | imsemmi għax-xjenzjat Nils Bohr | platinum | platinu | |
| boron | boron | | plutonium | plutonju | |
| bromine | bromju | | polonium | polonju | |
| cadmium | kadmju | | potassium | potassju | |
| caesium | ċesju | | praseodymium | praseodimju | |
| calcium | kalċju | | promethium | prometju | |
| californium | kalifornju | | protactinium | protattinju | |
| carbon | karbonju | | radium | radjum | |
| cerium | ċerju | | radon | radon | |
| chlorine | kloru | | rhenium | rhenju | |
| chromium | kromju | | rhodium | rhodju | |
| cobalt | kobalt | | roentgenium | roentgenium | |
| copper | ram | | rubidium | rubidju | |
| curium | kurju | | ruthenium | rutenju | |
| darmstadtium | darmstadtju | | rutherfordium | ruterfordju | |
| dubnium | dubnju | | samarium | samarju | |
| dysprosium | disprosju | | scandium | skandju | |
| einsteinium | einsteinju | | seaborgium | seaborgju | |
| erbium | erbju | | selenium | selenju | |
| europium | ewropju | | silicon | silikon | |
| fermium | fermju | | silver | fidda | |
| fluorine | fluworu | | sodium | sodju | |
| francium | franċju | | strontium | stronzju | |
| gadolinium | gadolinju | | sulphur | kubrit | |
| gallium | gallju | | tantalum | tantalu | |
| germanium | ġermanju | | technetium | teknetju | |
| gold | deheb | | tellurium | tellurju | |
| hafnium | ħafnju | | terbium | terbju | |
| hassium | ħassju | | thallium | tallju | |
| helium | elju | | thorium | torju | |
| holmium | ħolmju | | thulium | tulju | |
| hydrogen | idroġenu | | tin | landa | |
| indium | indju | | titanium | titanju | |
| iodine | jodju | | tungsten | tungstenu | |
| iridium | iridju | | ununbium | ununbju | |
| iron | ħadid | | ununhexium | ununeżju | |
| krypton | kripton | | ununoctium | ununottju | |
| lanthanum | lantanu | | ununpentium | ununpentju | |
| lawrencium | lawrenzju | | ununquadium | ununkwadju | |
| lead | ċomb | | ununtrium | ununtriju | |
| lithium | litju | | uranium | uranju | |
| lutetium | lutetju | | vanadium | vanadju | |
| magnesium | manjesju | | xenon | ksenon | |
| manganese | manganiż | | ytterbium | itterbju | |
| meitnerium | meitnerju | imsemmi għax-xjenzjat Meitner | yttrium | ittrju | |
| mendelevium | mendelevju | | zinc | żingu | |
| mercury | merkurju | | zirconium | żirkonju | |
| molybdenum | molibdenu | | | | |

**Corrigendum**

Fl-artiklu miktub minn Jeantide Naudi (*Is-sustanzi kimiċi x'se nagħmlu dwarhom?*) u li deher fit-tielet ħarġa, fil-paġna 7 (fit-tieni u t-tielet linja tat-tieni paragrafu) ried jitniżżel **fluworur** mhux ~~fluworid~~.

~●~

**Bażijiet tad-Dejta Elettroniċi tal-Liġi tal-UE u ta' dik Nazzjonali**
Stephanie A. Fenech, mill-Kummissjoni Ewropea

Dan l-artiklu jagħti deskrizzjoni ġenerali u fil-qosor tal-glossarji, tat-"teżawru" multilingwi u ta' sorsi oħra li jeżistu fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali Malti biex iservu ta' għodda għat-tradutturi fix-xogħol ta' kuljum tagħhom.

***Glossarji***

Fil-qasam tal-liġi, it-terminu "glossarju" jista' jirreferi għal żewġ għodod differenti: min-naħa l-waħda jintuża għal lista ta' espressjonijiet fejn ikunu pprovduti t-traduzzjonijiet għal kull pajjiż; min-naħa l-oħra, jintuża wkoll għal lista ta' definizzjonijiet għal terminoloġija. Fil-livell Ewropew jeżistu l-glossarji li ġejjin:

***Il-IATE***

Il-IATE (InterActive Terminology for Europe) hija bażi tad-dejta multilingwi tat-termini li tintuża għat-traduzzjonijiet fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE.

Hija tikkonsisti f'magna ta' tiftix għall-espressjonijiet u għall-frażijiet li jintużaw fl-oqsma kollha tal-attività tal-UE, u teħtieġ għarfien pjuttost professjonali tal-ilsien li t-test ikun se jiġi tradott fih sabiex tintuża sew. Hija għodda utli ferm għat-tradutturi professjonisti filwaqt li mhix għalkollox adattata għall-pubbliku ġenerali, għall-awtoritajiet ġudizzjarji jew għall-professjonisti fil-qasam legali.

Għalhekk, it-tradutturi nfushom idaħħlu t-traduzzjonijiet tal-espressjonijiet u tal-frażijiet filwaqt li joħolqu referenzi ġodda jew iżidu ma' dawk li diġà hemm. Jiġu pprovduti suġġerimenti għat-traduzzjonijiet għal diversi ilsna uffiċjali tal-UE, imma mhux għal kollha kemm huma.

***Glossarju tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (NĠE) fil-qasam ċivili u kummerċjali***

Fis-sit elettroniku tan-NĠE huwa disponibbli glossarju tat-terminoloġija. Dan jikkonsisti f'definizzjonijiet qosra, fi 22 ilsien, tal-espressjonijiet li jintużaw fil-paġni differenti ta' dan is-sit elettroniku sabiex il-qarrej ikun megħjun jifhimhom. Id-definizzjonijiet mhumiex ippreżentati bħala definizzjonijiet legali u awtorevoli.

***Glossarju tas-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà (JLS) tal-Kummissjoni Ewropea***

Dan il-glossarju huwa disponibbli mis-sit elettroniku tal-JLS u jikkonsisti f'definizzjonijiet qosra ta' espressjonijiet li huma rilevanti għal kwistjonijiet ta' ġustizzja, libertà u sigurtà. Id-definizzjonijiet mogħtija huma relatati mal-politiki tal-UE u huma disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż.

***Dizzjunarju ta' sinonimi: it-teżawru EUROVOC***

Il-EUROVOC huwa teżawru multilingwi (il-ġabra ta' vokabolarju multilingwi komparattiv) li jkopri l-oqsma li fihom hija attiva l-Unjoni Ewropea. Huwa jipprovdi mezz biex id-dokumenti jkunu indiċjati fis-sistemi ta' dokumentazzjoni tal-istituzzjonijiet Ewropej u tal-utenti tagħhom.

Dan it-teżawru jeżisti fi 22 ilsien uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (mhux disponibbli bl-Irlandiż) kif ukoll bil-Kroat.

Bħalissa qed titħejja ġabra ta' vokabolarju legali multilingwi. F'fażi preliminari, se jitħejjew żewġ mikroteżawri dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tal-barranin u dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-familja. L-implimentazzjoni ta' dan il-proġett hija ppjanata għal bejn l-2011 u l-2013.

***Sorsi tal-UE u oħrajn nazzjonali li jistgħu jkunu ta' għajnuna għat-traduzzjonijiet legali***

Il-EUR-lex – Aċċess għal-liġi tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa l-interface (http://eur-lex.europa.eu/mt/index.htm) li jipprovdi edizzjonijiet ta' kuljum onlajn ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, tiftix sempliċi, tiftix avvanzat u għażliet tal-brawżing, il-possibilità li tara u/jew tniżżel dokumenti u metadejta analitika għal kull dokument.

Bħala regola ġenerali dokumenti li jinsabu fil-EUR-lex (Leġiżlazzjoni primarja: Trattati; Atti sekondarji: Regolamenti, Direttivi, Deċiżjonijiet; Atti oħrajn: Rakkomandazzjonijiet, Komunikazzjonijiet, Proposti eċċ. u Ġurisprudenza) jiġu ppubblikati fil-ĠU tal-UE u/jew fil-European Court Reports. Il-kontenut tal-EUR-lex hu disponibbli fit-23 lingwa uffiċjali.

Atti oħra:

Rakkomandazzjonijiet, Komunikazzjonijiet, Proposti, eċċ.
http://www.cc.cec/home/dgserv/sg/sgvista/i/sgv2/portail/portail.cfm?lng=en

Reġistru tal-Kunsill:
http://www.consilium.europa.eu/showPage.aspx?id=1279&lang=MT

Reġistru tal-Parlament (Il-Parlament/Aċċess għad-Dokumenti/Reġistru ta' Dokumenti):
http://www.europarl.europa.eu/RegWeb/application/registre/simpleSearch.faces?language=mt

Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE:
http://curia.europa.eu/jcms/jcms/j_6

N-Lex – Portal komuni għal-liġi nazzjonali. Dan huwa interface (http://eur-lex.europa.eu/n-lex/pays.html?lang=mt&info_lang=mt) li jipprovdi aċċess għall-bażijiet tad-dejta leġiżlattivi uffiċjali ta' 23 Stat Membru tal-Unjoni b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. N-Lex joffri formola ta' riċerka uniformi, disponibbli fi 22 ilsien uffiċjali tal-UE. B'hekk, permezz ta' N-Lex, kull ċittadin tal-UE jista' jwettaq riċerka fis-siti nazzjonali bl-ilsien tiegħu. Il-formoli ta' riċerka huma konnessi ma' dawn il-bażijiet tad-dejta, b'sit wieħed nazzjonali għal kull pajjiż. L-Istati Membri jiġu miżjuda hekk kif il-ġabriet ta' tagħrif tagħhom isiru disponibbli.

***L-Unità tal-Ġustizzja***

1. L-Unità tal-Ġustizzja (l-UĠ) fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern f'Malta (qabel Novembru 2007 kienet magħrufa bħala l-Unità tat-Traduzzjoni) tabbozza l-liġijiet u tara li jkun hemm konsistenza fit-terminoloġija. L-UĠ ssegwi wkoll il-linji gwida tal-ortografija maħruġin mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

*Kuntatt: Dr Vanni Bruno, vanni.bruno@gov.mt*

***Links mill-Internet li jistgħu jkunu ta' għajnuna fit-traduzzjonijiet:***

Il-Liġi Prinċipali Maltija (Kostituzzjoni + Liġijiet ta' Malta):
http://www.mjha.gov.mt/LOM.aspx?pageid=27&mode=chrono&lid=2

Il-Liġi Sussidjarja (Atti tal-Parlament, Abbozzi ta' Liġi, Avviżi Legali, By-laws lokali): http://www.doi.gov.mt/en/parliamentacts/malta%20legislationM.asp

Uffiċċju tal-Prim Ministru: https://opm.gov.mt

Ministeru għall-Affarijiet Barranin:
http://www.mjha.gov.mt

Ministeru għal Għawdex: http://www.gozo.gov.mt

Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni: https://mitc.gov.mt

Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali: http://www.mrra.gov.mt

Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja: http://www.education.gov.mt

Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment: http://finance.gov.mt

Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità: http://www.sahha.gov.mt

Britannica Online: http://www.search.eb.com

Indiċi tal-Kummissjoni A-Z: http://ec.europa.eu/atoz_mt.htm

Dipartimenti u Servizzi tal-Kummissjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/about/ds_mt.htm

Gwida tal-Istil (EN): http://ec.europa.eu/translation/writing/style_guides/english/style_guide_en.pdf

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu/mt/index.htm

Glossarju EUROPA: http://europa.eu/scadplus/glossary/index_en.htm#M

Metaglossarju: http://www.metaglossary.com

Pajjiżi/Valuti: http://publications.europa.eu/code/mt/mt-5000500.htm

Dizzjunarju Oxford bl-Ingliż: http://www.oed.com

Dizzjunarji tal-Lingwi Oxford (EN-FR/DE/ES): http://www.oxfordlanguagedictionaries.com

Referenza Oxford: http://www.oxfordreference.com/views/GLOBAL.html

Borża ta' Studju Oxford: http://www.oxfordscholarship.com/oso/public/index.html

Bażi ta' dejta ta' postijiet ġeografiċi: http://www.eki.ee/knab/p_mm_en.htm

~●~

**Għaliex Delitti u Mhux Reati?**
Alan Xuereb, mill-Kummissjoni Ewropea

Minn żmien għal żmien tinqala' diffikultà dwar l-użu tal-kelmiet **reat** (*offence*) u **delitt** (*crime*). F'dan l-artikolett se nissuġġerixxi regola sempliċi u nagħti xi eżempji ta' kif wieħed jista' jiftakar liema terminu huwa adattat. Kultant tinqala' diffikultà ulterjuri fir-rigward tal-kelma *crime* fis-sens ta' kriminalità, iżda din hija xi ftit jew wisq eċċezzjoni u għandha tiġi riżolta faċilment jekk wieħed iħares lejn is-sens tal-frażi jew sentenza fil-kuntest tad-dokument.

Naraw ftit dan l-eżempju minn dokument freelance:

"[I]l-Qorti Kriminali Internazzjonali: qorti indipendenti u permanenti li tiġġudika lill-persuni akkużati bl-iktar reati serji f'ambitu internazzjonali, prinċipalment il-ġenoċidji, ir-reati kontra l-umanità u r-reati fi żmien il-gwerer."

It-terminu **reat** huwa ġeneriku u jinkludi ksur minuri tad-dritt penali (kontravenzjoni) u ksur iktar serju (delitt). Ġara li maż-żmien it-terminu delitt donnu evolva f'sinonimu ta' "omiċidju". Madanakollu, it-tifsira ġuridika ta' delitt hija fil-kategorizzazzjoni tal-gravità tar-reat u allura tal-piena korrispondenti li għandha tingħata. Jista' jagħti l-każ li fl-eżempju muri hawn fuq ta' *war crime*, fil-Euramis wieħed isib "reat tal-gwerra". Madanakollu, bħala regola *crime* għandha tiġi tradotta bħala **delitt** u allura tiġi "delitt tal-gwerra".

Sostenn għal din il-linja tal-ħsieb ġej mill-Kodiċi Kriminali ta' Malta stess fejn insibu l-ewwel artikolu li jittratta dan is-suġġett. L-Artikolu 54A (1) jgħid:

"It is a crime for a person to commit genocide, a crime against humanity or a war crime."

Fil-verżjoni Maltija:
"Huwa delitt li persuna tikkommetti ġenoċidju, delitt kontra l-umanità jew delitt tal-gwerra."

Ma jagħmilx sens li wieħed jittraduċi *war crime* bħala "reat tal-gwerra" meta mingħajr ambigwità l-Kodiċi juża **delitt**. L-użu tat-terminu **reat** jista' jittrażmetti kunċett mhux korrett lil min ikun qed jaqra, jiġifieri li jeżisti xi reat kontra l-umanità li mhux delitt. Jekk min qed jikteb irid ifisser li tassew hemm xi ksur li mhuwiex delitt allura għandna nużaw **reat**. Jekk le, dan it-terminu ambigwu għandu jiġi evitat. Fil-fatt, qatt ma smajna b'kontravenzjoni kontra l-umanità, jew b'kontravenzjoni tal-gwerra. B'delitti tal-gwerra, min-naħa l-oħra, nisimgħu bil-bosta, u f'kuntest simili lkoll naqblu li mhumiex l-ekwivalenti ta' kontravenzjoni jew reat.



**Il-Kumplessità tal-Kumpilazzjoni**
Alan Xuereb

***Il-kuntest***

Dan l-aħħar inqalgħet diffikultà dwar it-terminu legali **kumpilazzjoni**. Il-kuntest kien kif ġej:

"Council Regulation on cooperation between the courts of the Member States in the taking of evidence in civil or commercial matters".

Dan ġie tradott bħala:

"Regolament tal-Kunsill dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali"[3].

***Il-problema***

Id-diffikultà toħroġ mill-fatt li t-terminu **kumpilazzjoni** huwa terminu speċifiku ħafna li jintuża biss fil-qasam penali. Mhux talli hekk, talli jintuża fil-każ speċifiku meta l-Qorti tal-Maġistrati tkun qed taġixxi fil-kapaċità tagħha ta' qorti istruttorja[4], jiġifieri meta l-maġistrat ikun qed jinvestiga u jara jekk hemmx provi suffiċjenti biex jitressaq każ kriminali f'każ ta' reat li jisboq il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti tal-ġudikatura kriminali.

Jiġifieri, it-terminu **kumpilazzjoni** mhux talli huwa speċifiku għall-qasam kriminali, talli anki fl-ambitu tal-qasam kriminali stess, huwa terminu preċiż li jirreferi għal proċedura speċifika li qatt ma tintuża fil-qasam ċivili u kummerċjali. Jekk wieħed ifittex fil-Liġijiet ta' Malta jsib Avviż Legali[5] li jsemmi "kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali" iżda dan qiegħed biss jikkwota dan l-istess Regolament[6] u għaldaqstant ma setgħetx tintuża terminoloġija differenti minn dik tar-Regolament.

***Ir-rimedju***

Wieħed mir-rimedji (u ċertament mhux is-soluzzjoni) jista' jkun li fl-użu mhux referenzjali (jiġifieri eskluż meta jkollna nikkwotawh eżatt kif jidher fit-titlu ta' regolament), it-terminu **kumpilazzjoni** jiġi sostitwit b'terminu iktar xieraq bħal **ġbir**. U jekk ma jinbidilx almenu ssir parenteżi kwadra u jinkiteb [**ġbir**]. Dan għandu jsir b'konsultazzjoni mat-terminologi tal-unitajiet rispettivi.

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1206/2001, tat-28 ta' Mejju 2001, dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (ĠU L 174, p. 1).

[4] Il-Kapitolu 9, l-Artikolu 389: "Fir-reati suġġetti għal piena li taqbeż il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali, il-Qorti tal-Maġistrati tmexxi l-kompilazzjoni li tinħtieġ."

[5] A.L. 281 tal-2008, Liġijiet ta' Malta.

[6] Ibid.

## MILL-GĦATBA 'L BARRA

*Aspetti oħra*

**Id-Dipartiment tat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni tal-Università ta' Malta**
Charles Briffa

L-Istudji tat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni huwa kors postgradwatorju li tnieda f'Ottubru tal-2003 bħala programm ta' studju *part-time* bil-għan li jipprovdi sisien qawwijin għall-arti u s-sengħa tat-traduzzjoni u fl-istess waqt jiftaħ trejqiet ġodda ta' ħsieb f'dawk l-oqsma fejn it-traduzzjoni hija meħtieġa, bħal fid-dixxiplini akkademiċi (tax-xjenza, tal-liġi, tax-xjenzi soċjali, tal-mediċina, tal-letteratura, tar-reliġjon, tal-filosofija, eċċ.), fil-politika, l-ekonomija, l-industrija, u l-kummerċ.

Bħala programm ta' studju *part-time*, il-kors baqa' sejjer sal-2008, imma fl-2007 il-kors sar *full-time* bil-ħolqien tad-Dipartiment tat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni fi ħdan il-Fakultà tal-Arti. Imbagħad, fl-2009, mal-kors *full-time* reġa' nfetaħ il-kors *part-time* fiċ-Ċentru tal-Università f'Għawdex u allura bħalissa għandna l-kors *full-time* ta' sena Malta u l-kors *part-time* ta' sentejn Għawdex.

Il-programm jinfetaq f'żewġ partijiet:

**a.** *il-komponent mgħallem* li jħaddan fih it-teoriji ewlenin tat-traduzzjoni, l-analiżi tal-lingwi (Malti u Ingliż), it-tisħiħ tal-lingwi (Malti, Ingliż, u lingwa barranija), il-prattika tat-traduzzjoni, tagħrif fuq istituzzjonijiet internazzjonali u dawk tal-UE, *computer-aided translation* (Trados), il-multilingwiżmu, il-multikulturaliżmu, il-kuntrast bejn il-Malti u l-Ingliż, it-traduzzjoni għal skopijiet speċifiċi (ta' Xjenza, Liġi, Finanzi, u Ekonomija), u problemi professjonali tat-tradutturi; bħala parti minn dan il-komponent, l-istudenti jkollhom jagħmlu proġett fit-traduzzjoni fit-tieni simestru; jekk jieqfu hawn, l-istudenti li jgħaddu jingħataw Diploma Postgradwatorja fit-Traduzzjoni;



meta jlestu minn dan il-kors mgħallem, l-istudenti li jġibu total ta' marki 'l fuq minn 65% jkunu jistgħu jgħaddu sabiex jagħmlu

**b.** *il-komponent tar-riċerka,* li jinkludi dissertazzjoni li twassal għall-*Master in Translation*; bħala preferenza għal dan il-komponent, bosta studenti jagħżlu li jikkompilaw glossarju tekniku (b'analiżi lingwistika u kummenti fuqu) jew jittraduċu xi test letterarju (speċjalment test li jkun jipprovdi xi sfidi għat-traduzzjoni).

Ir-rekwiżit għall-kors huwa grad universitarju li jista' jkun fi kwalunkwe suġġett. Imma jkun ta' benefiċċju għall-istudenti jekk fil-Malti u fl-Ingliż ikollhom standard profiċjenti fil-livell C2 tal-Common European Famework of Reference for Languages. Dan huwa livell li jassigura ħakma tajba taż-żewġ lingwi. Għaldaqstant, il-bord tal-għażla jissettja lill-applikanti kollha *aptitude test* li jkun fih traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti biex jittestja l-komprensjoni bl-Ingliż u l-espressjoni bil-Malti.

Xi wħud mill-istudenti mgħoddija marru jaħdmu f'istituzzjonijiet Ewropej, oħrajn daħlu ma' aġenziji lokali tat-traduzzjoni, u oħrajn sabu xogħol ma' entitajiet li għalkemm mhumiex tat-traduzzjoni jkollhom bżonn xi traduzzjonijiet (bħal dawk li jaħdmu fix-xandir u d-DOI). L-istudenti li żammew kuntatt miegħi jgħidu li l-kors tahom il-fiduċja u l-formazzjoni meħtieġa għal xogħolhom, u l-fatt li ġabu l-*Master* ikattrilhom il-fiduċja fihom infushom, u jgħidu wkoll li r-riċerka li wettqu f'dan il-livell għoli universitarju kienet utiqa ħafna.

Fid-Dipartiment qed issir ħidma ta' riċerka kontinwa. B'eżempju nsemmu xi xogħlijiet tal-lekċerers:

• Prof. J. Eynaud, (2004) "L'inglese di Malta. Tra *code-switching e code-mixing*" f'Marcela Swiatkowska, Roman Sosnowski, Iwona Piechnik (ed), *Maestro e Amico: Miscellanea in onore di Stanislaw Widlak,* University of Krakow, Poland;

• Prof. C. Briffa, (2006), *Aspetti tal-Istruttura tal-Malti Modern*, (2007) *Aspetti tal-Istruttura tal-Paragrafu fil-Malti*, (2007) *Dictionary for Specific Purposes: English-Maltese, Maltese-English*, (2009) *Translation Practice for the Maltese Bilingual (English-Maltese-English)*;

• Dr Anthony Aquilina, (2008) *Théorie et pratique de la traduction littéraire français – maltais,* (2009) *Glossarju Franċiż-Malti/Malti-Franċiż*;

• Dr Clare Thake, (2005) "Throwing out the Baby with the Bathwater: The Ostracisation of English in Malta", f'*Oral and Written History: Re-Oralization and Interfacing Oralcy and Literacy*. Editors: Prof. Steven Knight (University of Cardiff) and Prof. Marianne Boerch (University of Southern Denmark).

Imma tajjeb li wieħed isemmi r-riċerka li qed takkumula wkoll fid-Dipartiment bit-teżijiet li qed jagħmlu l-istudenti. Fil-librerija tad-Dipartiment diġà hemm bosta xogħlijiet utli

• bħall-glossarji tat-terminoloġija tal-inġinerija elettrika, tal-agrikoltura, tas-servizzi finanzjarji, ta' xi liġijiet, tal-arti;

• bħat-traduzzjonijiet ta' testi diffiċli li fihom jiġu diskussi l-isfidi prattiċi tat-tradutturi;

• bħad-diskussjonijiet fuq aspetti teoretiċi (eż. sottotitli fil-films u t-traduzzjoni tar-realtà).

Bħalissa wkoll għadna kemm għamilna kuntatt ma' kumpanija Ġermaniża sabiex tippubblika xi xogħlijiet tal-istudenti.

Id-Dipartiment huwa bejta ta' naħal ħabrieki u enerġetiku. Minkejja li ma ilux wisq jeżisti, diġà għamel ħafna, kif juri dan l-artiklu.

*Il-Prof. Briffa jgħallem it-teorija u l-prattika tat-traduzzjoni fid-Dipartiment tat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni tal-Università ta' Malta. Jirriċerka u jippubblika ħafna fuq il-lingwa, il-letteratura, u t-traduzzjoni. Huwa l-awtur, fost bosta oħrajn, ta' Translation Practice for the Maltese Bilingual (2009) u Dictionary for Specific Purposes (2007). Ta ukoll bosta preżentazzjonijiet f'konferenzi internazzjonali.*

~●~

## Il-Malti minn Nuċċali Sqalli

Nicolò Bucaria

Għall-Isqallin bħali, Malta hi gżira fil-qrib fejn wieħed jista' jmur iqatta' tmiem il-ġimgħa mhux tas-soltu mingħajr wisq xokkijiet kulturali. Anki l-ilsien 'stramb' tal-Maltin, mhux għalkollox barrani għalina. It-trażmissjonijiet tat-televiżjoni minn Malta jistgħu jinqabdu faċilment anke mill-inħawi ibgħad minn Capo Passero[7], u spiss wieħed jiltaqa' ma' diversi Maltin li jitilgħu jqattgħu ftit jiem Sqallija.

Minħabba li l-Isqallin jifhmu bosta kelmiet individwali bil-Malti imma mhux is-sinifikat ta' sentenzi sħaħ, jaħsbu li l-Malti hu xi djalett Sqalli qadim li llum ma baqax jinftiehem. Fil-fatt dan mhux il-każ, imma ma ttihomx tort li jimmaġinaw hekk. Djalett Għarbi medju ta' nisel Tuneżin imsejjaħ 'Ġudeo-Għarbi', li kien jixbah ħafna lill-Malti ta' llum, kien mitkellem fi Sqallija sal-1492, meta tkeċċew l-aħħar nies li kienu jitkellmuh: il-Lhud. L-għalliem tiegħi tal-istorja Lhudija kien jgħidli li l-bosta dokumenti li ħallewlna l-Lhud fl-arkivji fi Sqallija ma jistgħux jinftiehmu jekk wieħed ma jkunx jaf il-

[7] L-aktar parti ta' Sqallija li hija qrib tal-gżejjer Maltin.

Malti, kif wera anke Godfrey Wettinger[8]. Imma fil-gżejjer Sqallin ta' Pantellerija u Lampeduża l-'Malti' kien mitkellem sas-seklu XVII u XIX rispettivament, meta l-komunità Maltija li kienet toqgħod Lampeduża marret lura lejn Malta minħabba xi inkwiet li nqala' mal-Ingliżi li wkoll kienu joqogħdu hemm. Kemm Dionisius Agius[9] kif ukoll Joseph Brincat[10] ifissru tajjeb dawn il-fatti storiċi lingwistiċi.

Fis-snin sebgħin, imsaħħaħ mill-għarfien ta' lsien Semitiku ieħor, l-Ebrajk, kont bdejt nistudja l-Malti bl-uniku manwal disponibbli dak iż-żmien: *Teach Yourself Maltese* ta' Joseph Aquilina. Kienet għadma iebsa li malajr kelli nabbanduna. Erġajt bdejt nistudja l-Malti fil-Parlament Ewropew fl-2003, sena qabel id-dħul ta' Malta fl-UE. Sfortunatament, il-fatt li tgħallimt il-Malti xorta waħda ma servinix daqs kemm kont immaġinajt li kien se jagħmel: bħala l-uniku traduttur fil-PE li jittraduċi mill-Malti s'issa ttraduċejt paġna waħda biss, li huwa ammont ħafna inqas minn kemm ittraduċejt mill-Ebrajk, li mhux ilsien uffiċjali tal-UE.

Il-Malti huwa l-unika lingwa Semitika fl-Ewropa, waħda mill-eqdem ilsna Ewropej u maħbuba min-nies kollha ta' kultura. Fl-Ewropa l-Malti jiġi mgħallem f'diversi universitajiet, kif jixhdu ż-żewġ konvenzjonijiet internazzjonali tal-Għaqda Internazzjonali tal-Lingwistika Maltija fi Bremen u l-kotba importanti li ħarġu dan l-aħħar: *La langue maltaise* ta' Martine Vanhove (Wiesbaden 1993), *Bonġornu, kif int? Einführung in die maltesische Sprache* ta' Arne Ambros (Wiesbaden 1998) u *The Maltese Prepositions* ta' Rami Saari (Ġerusalemm 2002, bl-Ebrajk). Minkejja din ir-rikkezza tal-Malti, f'Malta ma teżistix il-possibbiltà li wieħed isegwi kors akkademiku intensiv għall-barranin. Malta hi l-uniku Stat fl-UE li ma joffrix din l-opportunità li teżisti, pereżempju, għall-Estonjan, għal-Litwan u għas-Sloven, biex ma nsemmux il-Lussemburgiż, l-Irlandiż, l-Islandiż u saħansitra x-Schwyzertüütsch (il-Ġermaniż tal-Isvizzera). Din l-attitudni inspjegabbli qed twassal għal telf ta' opportunitajiet ta' żvilupp kulturali. Interess għal korsijiet ta' dan it-tip jeżisti bla dubju: pubblikazzjonijiet bħall-grammatika tal-Malti għall-barranin *Beginning Maltese* ta' Lydia Sciriha, li magħha kellha CD-ROM, diġà biegħet 'il fuq minn 5,000 kopja madwar id-dinja kollha. Issa ħarġet it-tieni volum, bl-isem ta' *Continuing Maltese*.

Matul l-aħħar ħames snin mort Malta spiss, l-aktar biex nagħti seminars lill-istudenti tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni. L-impressjoni li ħadt hija li barrani li jitħajjar jitgħallem il-Malti jiġi meqjus bħala każ ta' xi ħadd li m'għandu xejn aħjar x'jagħmel, u ftit isib inkoraġġiment. Fil-fatt, it-taħdidiet kollha tiegħi man-nies tal-lokal ikunu hekk: jien nistaqsi bil-Malti u huma jweġbuni bit-Taljan, waqt li l-emails li nibgħat bil-Malti jitwieġbu bla dubju ta' xejn bl-Ingliż. Ħadt l-impressjoni wkoll li saħansitra l-awtoritajiet u r-rappreżentanti Maltin, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew u internazzjonali, ma jagħtux lill-Malti l-importanza kollha li tixraqlu.

Minkejja kollox, inħossni grat lejn il-Maltin li għenuni niskopri bosta kelmiet bl-Isqalli li ilhom żmien twil li nqatgħu, u fuq kollox is-sies Semitiku ta' tant espressjonijiet Sqallin li m'hemm imkien bħalhom ħlief fil-Malti.



*Is-Sur Bucaria huwa traduttur fil-Parlament Ewropew.*

[8] *The Jews of Malta in the late Middle Ages*, Malta 1985.
[9] *Siculo-Arabic*, Londra 1996.
[10] *Malta. Una storia linguistica*, Ġenova 2003.

**Intervista ma' Sergio Grech, id-Direttur Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb**
Alan Delia, mill-Kummissjoni Ewropea

**1. X'inhu x-xogħol ewlieni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb?**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għandu l-missjoni li jiftaħ id-dinja tal-ktieb għal kulħadd. Bħala ħidma tiegħu, hu mistenni minnu li jorganizza l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb.

Maż-żmien nibtu inizjattivi oħrajn li varjaw minn reġistru għall-kotba fis-suq fil-websajt tal-KNK, kampanji kontinwi favur il-qari, il-proġett Kotba f'Xatt il-Baħar mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u l-konkorsi Rumanzi għaż-Żgħażagħ flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, li wasal fit-tieni edizzjoni.

**2. Wieħed mill-għanijiet tal-Kunsill hu li "jkattar l-imħabba għall-ktieb". Taħseb li t-teknoloġija qed tieħu post dejjem akbar fil-qalb ta' min iħobb jaqra, u l-ktieb qed jibqa' dejjem aktar fuq l-ixkaffa?**

Jien inkun l-aħħar wieħed li nħares lejn it-teknoloġija b'mod negattiv. Ħu l-internet - għandek mijiet jekk mhux eluf ta' websajts li jitkellmu dwar il-kotba, paġni mtellgħa mill-pubblikaturi li kburin juruk il-prodott tagħhom, websajts minn fejn tixtri l-kotba u jaslu f'darek fi ftit jiem, ġurnali kritiċi letterarji u l-kumplament. Fir-Renju Unit u fl-Amerika, bħalissa qamet mewġa favur l-*e-books* li ħakmet lil bosta eluf.

**3. Il-Kunsill ilu mwaqqaf disa' snin. X'taħseb li kienet l-akbar kisba tiegħu?**

Nieħu gost ninnota li l-KNK kien katalista f'dan iż-żmien li ilu mwaqqaf għal diversi kisbiet u fuq kollox kiseb ir-rispett ta' dawk li qed jaħdmu fl-industrija. Il-KNK ma jimponix fl-inizjattivi li jorganizza mal-pubblikaturi imma jqishom sħab indaqs. Il-Kunsill irriforma dak li kien il-Premju Letterarju u reġa' ta l-ħajja lill-Fiera tal-Ktieb, li dawn l-aħħar snin reġgħet marret b'suċċess f'Dar il-Mediterran.

Il-KNK, fost il-ħidmiet tiegħu, ippubblika wkoll manwal ta' pubblikazzjoni għal dawk li se jibdew jaħdmu f'din l-industrija u ġustament inħossu li qed iħalli ftit impatt.

**4. Kif tiddeskrivi l-qagħda tal-industrija tal-ktieb f'Malta, li skont is-sit tal-Kunsill "għandha kapitli sbieħ"?**

Bla dubju ta' xejn qed ngħixu fażi mill-iktar eċitanti fl-istorja tal-iżvilupp tal-ktieb Malti. Qed naraw prodott għoli fil-kwalità u issa bdew jinħassu wkoll l-effetti tal-istampar diġitali li minnu jistgħu jgawdu setturi bħall-poeżija, fejn il-bejgħ hu limitat .

Jekk tħares lejn il-ktieb *Il-Ktieb Malti* ta' Victor Fenech tintebaħ li l-ktieb f'Malta għandu għeruq mifruxa sew. Dejjem trid tara kollox f'limiti ta' pajjiż-gżira. Inċidentalment, b'riħet dan l-iżvilupp, illum il-ktieb imsemmi ħaqqu aġġornament.

**5. Xi kemm-il pubblikazzjoni bil-Malti toħroġ kull sena? Teżisti klassifikazzjoni tat-tip ta' pubblikazzjonijiet li joħorġu?**

M'għandniex statistika preċiża għax bosta drabi ma ssirx distinzjoni fejn tidħol il-pubblikazzjoni u bosta drabi l-kotba u r-rivisti jingħaddu flimkien. Hemm statistika li tgħid li qed ikunu ppubblikati maż-żewġ kotba kuljum. Peress li l-KNK jamministra wkoll l-ISBN, qed ninnutaw li l-kotba ma għadhomx iktar strettament il-ħidma tal-pubblikaturi tradizzjonali imma wkoll għaqdiet b'interess soċjali u storiku u naturali, baned, għejun edukattivi u l-kumplament.

Bħala klassifikazzjoni tal-kotba żgur li nistgħu nidentifikaw dawn: il-proża letterarja (rumanzi u novelli), il-poeżija, id-drama, ir-riċerka, il-kotba għat-tfal u l-adolexxenti. Dawn huma l-kategoriji li aħna nużaw għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Tajjeb ikun innutat li aħna bi 'ktieb Malti' nifhmu l-**prodott** Malti, għax il-ktieb Malti l-lum jinkiteb b'diversi ilsna bħall-Ingliż.

**6. L-akbar numru ta' kotba ġodda huma letteratura. Xi kemm joħorġu pubblikazzjonijiet ġodda li jittrattaw il-qasam lingwistiku?**

Dan hu qasam xi ftit limitat u bosta drabi kontenut bħal dan se ssibu f'rivisti bħal *Il-Malti*, li toħroġ l-Akkademja tal-Malti, jew f'rivisti barranin b'interess f'Malta.

**7. Kif jista' wieħed iżomm kuntatt mal-Kunsill u jibqa' aġġornat dwar ħidmietu?**

Hemm il-websajt www.ktieb.org.mt (li tkun aġġornata spiss), paġna fuq il-*Facebook* u l-indirizz elettroniku info@ktieb.org.mt

*Is-Sur Grech gradwa sal-livell ta' Master fl-Istorja. Awtur tal-bijografija ta' Patri Feliċjan Bilocca li kixfet diversi kapitli fl-istorja tal-istituzzjonijiet lokali. Xandar ta' għadd ta' programmi fuq ir-radju. F'Novembru li ġej, ħiereġ l-ewwel rumanz tiegħu, Il-Lejl tal-Irġulija.*

~●~

**Soluzzjoni Tisliba Kriptika 3**

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| G | Ħ | A | R | A | B | J | A | S | A | W | D | I | J | A |
| A | | R | | F | | | | Q | | | A | | | F |
| N | I | K | A | R | A | G | W | A | | | R | | | G |
| A | | A | | I | | | | L | I | B | E | R | J | A |
| | | N | | K | U | R | I | L | | | S | | | N |
| M | O | S | T | A | | | | I | | | S | | | I |
| Q | | A | | | B | | | J | | L | A | G | O | S |
| A | W | S | T | R | A | L | J | A | | | L | | | T |
| B | | | O | | Ħ | | | | | M | A | L | T | A |
| B | I | R | K | I | R | K | A | R | A | | A | | | N |
| A | | | J | | I | | L | | | A | M | U | R | |
| | M | | O | | J | | G | | | S | | G | | |
| | I | | | M | A | D | A | G | A | S | K | A | R | |
| Q | A | L | A | | | | R | | | I | | N | | G |
| | M | | | | | | V | | | S | | D | | O |
| Ż | I | M | B | A | B | W | E | | | I | T | A | K | A |

**Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli wkoll f'dan l-indirizz**

**http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines**

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin, iktbilna hawn: **l-accent@ec.europa.eu**

***Koedituri***: *Alessandro Mangion u Louise Vella*

***Distribuzzjoni***: *Rowena Schranz u Maryanne Agius*

***Impaġnar***: *Chris Galea u Alan Delia*

**Ċaħda**

Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.